MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2003

Appell Civili Numru. 9/1997/1

**Axiak Bros. Stone Decorators Limited**

**vs**

**Mons. Arcipriet Dun Salv Borg u b'digriet tas-16 ta' April, 1998, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Monsinjur Arcipriet Dottor Dun Guzepp Farrugia minn isem l-Arcipriet Monsinjur Dun Salvatore Borg u dan stante r-rizenja ta' dan ta' l-ahhar, in rapprezentanza tal-Bazilika Kolleggjata Parrokkjali ta' San Gorg, Victoria, Ghawdex.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex Superjuri illi permezz tieghu s-socjetà attrici, wara illi ppremettiet illi hija inghatat appalt minghand il-konvenut nomine sabiex taghmel xoghol ta' rikostruzzjoni tal-kampnar tal-Knisja ta' San Gorg, fi Pjazza San Gorg, Victoria, Ghawdex; u illi ghal dan ix-xoghol is-socjetà attrici ghad fadlilha tithallas somma ingenti minghand il-konvenut nomine, izda dan qieghed jirrifjuta illi jersaq ghal likwidazzjoni u hlas tal-ammont dovut lis-socjetà attrici; talbet ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. tillikwida, okkorrendo ad opera ta' perit nominand, l-ammont dovut lis-socjetà bhala bilanc mill-hlas tax-xoghol ta' appalt maghmul minnha kif fuq inghad; 2. tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex ihallas lis-socjetà attrici din is-somma kif hekk likwidata; bl-interessi fuq din l-istess somma mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Novembru 1996 sad-data tal-effettiv pagament; bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Novembru 1996 kontra l-konvenut u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;

Rat id-dkjarazzjoni tas-socjetà attrici, konfermata bil-gurament minn Paul Axiaq, u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut nomine illi biha eccepixxa, in linea preliminari, illi l-Bazilika ta' San Gorg ma tat l-ebda kuntratt t' appalt lis-socjetà attrici u ghalhekk, m'hijiex il-legittimu kontradittur ta' l-istess socjetà attrici;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut nomine u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat is-sentenza *in parte* moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fl-ewwel (1) ta' Novembru, 2002 illi permezz taghha l-Qorti cahdet l-imsemmija eccezzjoni preliminari tal-konvenut nomine u rrizervat l-ispejjez ghas-sentenza finali, u dana wara illi kkonsidrat hekk:
"Illi permezz ta' din l-eccezzjoni preliminari tieghu l-konvenut nomine jikkontendi li l-Bazilika ta' San Gorg ma

tat ebda kuntratt t'appalt lis-socjetà attrici u ghalhekk mhix il-legittima kontradittur taghha;

"Irrizulta mill-provi migbura illi f'xi zmien fis-sena elf disa' mija erbgha u disghin, il-Bazilika ta' San Gorg harget offerti ghal xoghol ta' restawr f'wiehed mill-kampnari tal-Knisja. L-ahwa Carmel u Michael Axiaq li dik il-habta kienu jahdmu taht l-isem ta' 'Axiak Brothers', wara li spezzjonaw ix-xoghol mehtieg hargu stima (Dok. A a fol. 5 annessa mac-citazzjoni) lill-kumitat responsabbli minn dan ix-xoghol fi hdan il-Knisja ta' San Gorg, u milli jidher din l-istima intghogbot u l-istess ahwa Axiak gew avvicinati biex jaghmlu huma x-xoghol ta' skultura mehtieg fuq il-kampnar in kwistjoni. Gara però li kif kienu ser jinbdew ix-xogholijiet, u wara li beda jinhatt l-istess kampnar, irrizulta illi l-hsara kienet ikbar milli wiehed seta' jimmagina. Ghalhekk kien mehtieg xoghol aktar estensiv milli kien originarjament progettat, kif jirrizulta mid-deskrizzjoni dettaljata imhejjija mis-sur I. Centorrino, d-disinjatur inkarigat mill-istess bazilika ta' San Gorg (Dok. E a fol 9-13). Tant hu hekk illi fejn ghall-ewwel l-inkarigu ta' l-iskultur kien ser ikun semplicement illi jissostitwixxi l-qoxra ta' dawk il-partijiet mill-kampnar li kienu mikulin bil-melh, issa nhasset il-htiega illi jkun ahjar jekk tinbidel il-gebla kollha u mhux biss il-qoxra taghha. L-ahwa Axiak mill-ewwel ghamluha cara illi l-istima originali ma kienitx ghadha tapplika, billi x-xoghol kien inbidel sostanzjalment.

"Gara wkoll illi bejn id-data ta' meta saret dik l-istima originali u sakemm twettaq ix-xoghol ta' l-iskultura, l-ahwa Axiak inkorporaw ruhhom f'kumpanija. Infatti Carmel Axiak isostni illi s-socjetà 'Axiak Bros. Stone Decorators Limited' twaqqfet fit-18 ta' Jannar 1995 u x-xoghol kollu ta' l-iskultura fuq il-kampnar sar fiz-zmien li kienet già twaqqfet din il-kumpanija, u meta hu u huh Michael kienu diretturi ta' din il-kumpanija. Ghalhekk minn dakinhar ma baqghux joperaw aktar taht l-isem Axiak Brothers.
"In sostenn tal-pretensjoni tieghu illi l-appalt inghata lil Axiak Brothers u li x-xoghol sar attwalment minnhom, il-konvenut nomine jirreferi:

(a) ghall-istima 'Dok. A' (a fol. 5);

(b) ghall-fatt li c-*cheque* dwar il-pagament akkont li ghamel, gie ffirmat minn Carmel Axiak ghan-nom ta' 'Axiak Bros' (ara fol. 65-66), u

(c) li *statement* nru. 415 u datat il-15 ta' Lulju 1995 (Dok. SB 2 a fol. 135) sar fuq fattura ta' 'Axiak Brothers'."

"Ghal dan is-socjetà attrici tirribatti illi:
(a) l-istima ma baqghetx applikabbli gialadarba n-natura ta' l-appalt inbidlet sostanzjalment;

(b) meta Carmel Axiak iffirma fuq ic-*cheque* imsemmi, il-kliem 'Axiak Bros.' tnizzel bhala abbrevjazzjoni ta' l-isem tal-kumpanija. Infatti jigi nnotat illi l-isem tal-kumpanija jibda bil-kliem '<u>Axiak Bros</u>.', mentri qabel l-ahwa Axiak kienu jgibu '<u>Axiak Brothers</u>' fuq il-fatturi taghhom;

(c) il-kontijiet, fatturi u ricevuti ndirizzati lill-konvenut nomine, in segwitu li sar ix-xoghol in kwistjoni, dejjem sar f'isem il-kumpanija (ara Dokti. B, C u D a fol. 6-8 u Dok. MAA. 1 a fol. 67).

"Jidher ghalhekk illi l-konvenut nomine inghata bizzejjed indikazzjoni u kellu kull opportunità jkun jaf illi x-xoghol kien qed jitwettaq u fil-fatt twettaq mill-kumpanija u mhux aktar mill-ahwa Axiak personalment. L-ahwa Axiak minn meta twaqqfet il-kumpanija taghhom ma baqghux joperaw in-negozju taghhom ta' xoghol ta' skultura fil-gebel f'isimhom personali u allura lanqas setghu ifittxu ghall-hlas dovut f'isimhom personali, gialadarba x-xoghol twettaq mill-kumpanija taghhom. Lanqas ma huwa l-kaz, kif issuggerixxa l-konvenut nomine, li l-ahwa Axiak forsi taw xi sub-appalt lill-kumpanija taghhom. Ma ngiebet ebda prova dwar dan u lanqas seta' jkun il-kaz, gialadarba l-ahwa Axiak, kif già nghad, ma baqghux joperaw f'isimhom proprju. Il-fattura solitarja ntestata fuq 'Axiak Brothers' prodotta mill-konvenut nomine (Dok. SB. 2), ghalkemm huwa minnu illi hija datata l-15 ta' Lulju 1995, meta suppost li l-kumpanija kienet ilha topera ghal madwar seba' (7) xhur, m'ghandiex taghmel id-differenza kollha. Wisq probabbli, kien ghad baqa' xi kotba ta' fatturi qodma

ghadhom jigru fuq il-post tax-xoghol, u erronjament intuzat wahda minnhom.

“F’tali cirkostanzi il-Qorti hija tal-fehma illi s-socjetà attrici pprocediet sewwa meta kienet hi li harrket lill-konvenut nomine in rapprezentanza tal-Bazilika ta’ San Gorg f’Ghawdex u mhux l-ahwa Axiak personalment kif ippretenda l-istess konvenut.”

Rat ir-rikors tal-konvenut nomine illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi tigi mhassra, revokata u annullata l-imsemmija sentenza ta’ l-ewwel (1) ta’ Novembru 2002 billi tintlaqa’ l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut nomine appellant, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetà attrici appellata;

Rat ir-risposta tas-socjetà attrici illi permezz taghha issottomettiet illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita illi tigi konfermata, prevja r-rigett tal-appell, bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut nomine appellant;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-konvenut nomine kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:

1. Illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni taghha minghajr l-ebda raguni logika ghal tali konkluzjoni ghaliex, fi kliem ir-rikors ta’ appell, “… ma ngabet l-ebda prova illi l-kuntratt ta’ appalt inghata lis-socjetà attrici.”

2. Illi, ukoll fi kliem ir-rikors ta’ appell: “Mill-provi prodotti … huwa evidenti illi l-konvenut nomine qatt ma ttratta mas-socjetà attrici izda baqa’ jittratta mal-impriza ‘Axiaq Brothers’.”

3. Illi, fi kliem ir-rikors ta’ appell: “Huwa ben saput illi fil-waqt illi kuntratt t’appalt ma jirrekjediex illi jigi redatt bil-

miktub sabiex ikun validu kif jidher li kien il-kaz odjern, l-istess ma jistax jinghad ghall-cessjoni ta' xi jedd."

Ikkunsidrat:

Illi, l-ewwel zewg (2) aggravji sejrin jigu trattati flimkien ghaliex, fir-realtà, dawn jammontaw ghal sottomissjoni illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti;

Illi dina l-Qorti, wara illi ezaminat il-provi kollha prodotti, hija tal-fehma illi l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha hadet konjizjoni tal-provi rilevanti ghall-finijiet tad-determinazzjoni ta' l-eccezzjoni preliminari in ezami u ghamlet apprezzament korrett ta' dawn il-provi. Ghaldaqstant ma hux il-kas illi jigi disturbat dan l-apprezzament u, konsegwentement, l-ewwel zewg (2) aggravji tal-konvenut nomine appellant mhux fondati;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjetà attrici appellata, fir-risposta taghha ghar-rikors ta' appell, wiegbet hekk ghat-tielet (3) aggravju tal-konvenut appellant:
"L-ahhar aggravju tal-appellant huwa illi sabiex jigu assenjati drittijiet kreditarji hija mehtiega illi ssir skrittura. Però, hawnhekk ukoll ghandna konfuzjoni tal-kuncetti. <u>Is-socjetà attrici ma hijiex tibbaza t-talba taghha fuq il-premessa illi l-ahwa Axiaq personalment assenjawlha xi krediti illi huma già kellhom kontra l-Parrocca ta' San Gorg</u>. Il-premessa taghha hija ben altru: illi minkejja illi originarjament kienet saret stima ta' xoghol mill-ahwa Axiaq personalment, ix-xoghol li effettivament sar kien differenti radikalment mix-xoghol illi dwaru inharget l-istima. Fl-intervall bejn meta inharget l-ewwel stima u d-data ta' meta ittiehdet id-decizjoni finali dwar x'xoghol ser isir giet inkorporata il-kumpanija. Ix-xoghol efettivament sar mill-kumpanija; l-invoices inhargu mill-kumpanija u intbaghtu lill-parrocca konvenuta. <u>A bazi ta' dawk l-invoices il-parrocca effettwat pagamenti akkont</u>. Ghalhekk hija qeghda tibbaza it-talba taghha fuq il-fatt u l-

premessa illi l-appalt giet [*sic*] ezegwit minnha u l-hlas jispetta lilha.” (sottolinear ta’ dina l-Qorti)

Dina l-Qorti, in generali, taqbel ma’ dak illi gie sottomess mis-socjetà attrici appellata u illi ghadu kemm gie citat - b’dan illi, ghall-precizjoni, ghandu jinghad illi mill-atti processwali jirrizulta illi sar pagament wiehed akkont u mhux “pagamenti” - ghaliex l-fatti relativi illi ssemmi s-socjetà attrici bejn wiehed u iehor jirrispekkjaw dawk illi stabbiliet l-ewwel Qorti fl-apprezzament taghha hawn fuq imsemmi, liema apprezzament dina l-Qorti, kif già iddikjarat, mhix sejra tiddisturba;

Illi, ghalhekk, anqas it-tielet (3) aggravju tal-konvenut appellant ma huwa fondat;

Ghal dawn il-motivi:

Tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u tordna illi l-atti jigu rinvijati lill-ewwel Qorti sabiex il-kawza tkompli tigi trattata u tigi eventwalment deciza skond il-ligi;

Tordna illi l-ispejjez ta’ dan l-appell jigu sopportati kollha mill-konvenut nomine appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------